

Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar “Il-kwalità tal-prodotti agrikoli”

(2010/C 175/04)

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

- ifakkar fl-importanza ta' dawn il-prodotti, li jistħoqqilhom qafas ta' appoġġ li jiggarantixxi l-istabbiltà tagħhom fuq perijodu twil u l-profitabbiltà tal-investimenti permezz ta' miżuri bbażati fuq is-suq li jinkludu leġislazzjoni fuq il-possibbiltà li tiġi introdotta tikketta li tispeċifika l-pajjiż ta' produzzjoni u li tippromovi standards ta' produzzjoni Komunitarji;
- jemmen li għandhom jiġu żviluppati linji gwida li jiggarantixxu l-funzjonament tajjeb tal-mudell tal-iskemi ta' ċertifikazzjoni, li jassiguraw ċerta uniformità f'aspetti tant importanti bħar-rekwiżiti minimi ta' kontroll, sabiex jiġi evitat żbilanċ possibbli bejn skemi simili;
- jappoġġja l-proposti dwar l-iżvilupp ta' tikketti kemm tat-trattament xieraq tal-annimali kif ukoll tal-marka tal-karbonju; jissuġġerixxi wkoll li jitfasslu regoli dettaljati dwar il-produzzjoni integrata fil-livell Ewropew;
- jagħraf l-importanza tal-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni li, filwaqt li għandhom jibqgħu obbligatorji, għandhom jiġu riveduti fid-dettall;
- huwa tal-fehma li jkun utli li tiġi eżaminata l-possibbiltà li jiġu stabbiliti termini riżervati fakultattivi għall-prodotti tradizzjonali u l-prodotti tal-biedja fil-muntanji, fid-dawl tal-fatt li l-amministrazzjonijiet reġjonali jistgħu jaqdu rwol ewlieni fid-definizzjoni tagħhom;
- isostni li ż-żewġ strumenti – id-Denominazzjoni Protetta tal-Orġini (DPO) u l-Indikazzjoni Ġeografika Protetta (IĠP) – għandhom jinżammu;
- iħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea tfittex l-istrumenti neċessarji għall-ġestjoni tal-produzzjoni għall-IĠP u d-DPO u tagħmilhom disponibbli għalihom;
- jitlob lill-Kummissjoni Ewropea żżid l-isforzi tagħha bil-għan li ssaħħaħ ir-regoli fil-kuntest tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, timxi 'l quddiem bil-ftehimiet bilaterali mal-pajjiżi strateġiċi, u tisħaq fuq il-protezzjoni tad-DPO u l-IĠP fil-kuntest tal-Ftehim Kummerċjali dwar il-Ġlieda kontra l-Falsifikazzjoni.

Relatur:	Is-Sur Pedro Sanz Alonso (ES/PPE), President tal-Komunità Awtonoma ta' La Rioja
Dokument ta' referenza:	Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni rigward il-politika dwar il-kwalità tal-prodotti agrikoli COM(2009) 234 finali

I. RAKKOMANDEZZJONIJIET TA' POLITIKA

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

Aspetti ġenerali

1. jilqa' b'sodisfazzjon u jqis b'mod ferm pożittiv il-fehma tal-Kummissjoni Ewropea peress li turi l-interess tagħha għall-prodotti agroalimentari ta' kwalità u, b'mod speċjali, li tiżviluppa qafas adattat li jappoġġja u jsaħħaħ produzzjoni agrikola ta' kwalità fl-UE u jippromovi produzzjoni agrikola ta' kwalità fl-UE u jtejjeb l-aċċettazzjoni tagħha min-naħa tal-konsumaturi;

2. jemmen li l-produzzjoni ta' prodotti agroalimentari ta' kwalità għandha importanza speċjali għall-iżvilupp sostenibbli fl-ambjent rurali u tikkontribwixxi għaż-żamma fuq perijodu twil tal-pajsaġġi reġjonali u tal-identità tagħhom, msawra mill-bdiewa u dawk li jrabbu l-annimali, li bid-diversi forum ta' produzzjoni tagħhom jikkontribwixxu għall-iżvilupp reġjonali;

3. ifakkar fl-importanza ta' dawn il-prodotti, li jistħoqqilhom qafas ta' appoġġ li jiggarantixxi l-istabbiltà tagħhom fuq perijodu twil u l-profitabbiltà tal-investimenti permezz ta' miżuri bbażati fuq is-suq li jinkludu leġislazzjoni fuq il-possibbiltà li tiġi introdotta tikketta li tispeċifika l-pajjiż ta' produzzjoni, li tippromovi standards ta' produzzjoni Komunitarja, fuq kollox fl-ambiti tas-sigurtà tal-ikel, il-protezzjoni tal-ambjent u t-tekniki tradizzjonali ta' produzzjoni;

4. jinsab sodisfatt li l-Kummissjoni tagħraf il-fatt li l-kwalità tal-prodotti agrikoli hija assoċjata mill-qrib mat-tradizzjonijiet, l-iżvilupp u s-sostenibbiltà tar-reġjuni, iżda hemm bżonn li dawn jissaħħu u jiġu protetti b'sistemi ta'skemi ta' indikazzjonijiet ġeografiċi (IG), li l-proprjeta' intellettuali tagħhom għandha tiġi rrispettata fil-livell dinji;

5. jixtieq ifakkar lill-Kummissjoni li trid tkun hi l-ewwel waħda li tieħu miżuri konkreti għall-informazzjoni tal-konsumaturi, b'mod speċjali ta' dawk Ewropej, fir-rigward tal-karatteristiċi speċifiċi tal-indikazzjonijiet ġeografiċi, il-vantaġġi tagħhom u r-rabta speċjali li għandhom mal-iżvilupp sostenibbli tal-ambjent rurali;

6. jaqbel mal-Kummissjoni li l-aspetti prinċipali li jridu jiġu kkunsidrati għall-iżvilupp ta' politika adegwata ta' kwalità jridu jkunu l-informazzjoni, il-koerenza u l-kumplessità (li għandha tiġi evitata);

7. jemmen li għandhom jiġu żviluppati linji gwida li jiggarantixxu l-funzjonament tajjeb tal-mudell tal-iskemi ta' ċertifikazzjoni, li jassiguraw ċerta uniformità f'aspetti tant importanti bħar-rekwiżiti minimi ta' kontroll, sabiex jiġi evitat żbilanċ possibbli bejn skemi simili;

8. jammetti li fil-każ tal-miżuri ta' tikkettar, jeħtieġ li jiġu stabbiliti standards ta' kummerċjalizzazzjoni tal-UE, għalkemm dawn ukoll għandhom jiġu ssemplifikati;

9. huwa konvint li politika ambizzjuża ta' kwalità agroalimentari hija kruċjali biex l-agrikoltura Ewropea tiżviluppa b'mod sostenibbli u tkun kapaċi tindirizza kif inhu xieraq il-bżonnijiet tas-soċjetà Ewropea u tikseb pożizzjoni fis-suq estern;

10. jemmen ukoll li l-isforzi li wettqu l-bdiewa u dawk li jrabbu l-annimali fl-Ewropa biex jadattaw għar-rekwiżiti ambizzjużi fl-oqsma tal-ambjent, tas-sigurtà tal-ikel u tat-trattament xieraq tal-annimali jridu jiġu rikonnoxxuti kif jixraq quddiem is-soċjetà Ewropea kollha kemm hi;

Dwar ir-rekwiżiti tal-produzzjoni agrikola tal-UE

11. iqis li tista' tiġi studjata l-possibbiltà li tiġi stabbilita tikketta volontarja li turi l-post ta' produzzjoni (post ta' hsaq tal-prodotti agrikoli, post tat-twelid tal-annimali, post ta' tahlid tal-baqar, eċċ.). Bl-istess mod, tista' tiġi kkunsidrata l-possibbiltà tal-obbligu tad-dikjarazzjoni tal-oriġini (għall-prodotti pproċessati dan jirreferi għall-post fejn sar l-aħħar ipproċessar importanti), billi nevalwaw bil-quddiem il-vantaġġi u l-iżvantaġġi li din il-miżura, li diġà hija obligatorja għal ċerti prodotti, tista' ġġib magħha. B'hekk il-produtturi Ewropej jingħataw l-oportunità li jtejjbu l-viżibbiltà tagħhom bis-saħħa ta' dawn il-logos u jkun iktar faċli li tixxerred informazzjoni wiesgħa u konkreta fost il-konsumaturi;

12. jappoġġja l-proposti dwar l-iżvilupp ta' tikketti kemm fil-qasam tat-trattament xieraq tal-annimali kif ukoll dwar il-marka tal-karbonju; jissuġġerixxi wkoll li jitfasslu regoli dettaljati dwar il-produzzjoni integrata fil-livell Ewropew;

Dwar l-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni

13. jagħraf l-importanza tal-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni li, filwaqt li għandhom jibqgħu obligatorji, għandhom jiġu riveduti fid-dettall bil-għan li jitneħħa kwalunkwe aspett li mhuwiex meħtieġ u jinżammu biss dawk l-aspetti li huma tabilħaq importanti għall-kummerċjalizzazzjoni ta' kull prodott. Din ir-reviżjoni għandha ssir b'kooperazzjoni mill-qrib mal-operaturi, permezz tal-ħolqien ta' mekkaniżmu li jagħmilha possibbli li l-bidliet jiġu introdotti malajr u b'mod flessibbli. F'kull każ, l-ispeċifiċitajiet settorjali ta' dawn l-istandards għandhom jinżammu bil-għan li jkun aktar faċli li jinftehem u li jiġu applikati;

14. huwa tal-fehma li jkun utli li tiġi eżaminata l-possibbiltà li jiġu stabbiliti termini riżervati fakultattivi għall-prodotti tradizzjonali u l-prodotti tal-biedja fil-muntanji, fid-dawl tal-fatt li l-amministrazzjonijiet reġjonali jistgħu jaqdu rwol ewlieni fid-definizzjoni tagħhom;

Dwar l-indikazzjonijiet ġeografiċi

15. ma jaqbilx li t-tliet skemi attwali għandhom jingħaqdu bil-għan li ma jintilfux il-koerenza tas-sistema u l-aspetti speċifiċi ta' kull prodott. Għalhekk, isostni li ż-żewġ strumenti – id-Denominazzjoni Protetta tal-Oriġini (DPO) u l-Indikazzjoni Ġeografika Protetta (IĠP) – għandhom jinżammu, peress li t-tnejn li huma kienu utli ħafna u ntaqgħu tajjeb mill-produtturi. Madankollu, huwa tal-fehma li l-ħidma marbuta mal-informazzjoni u l-promozzjoni fil-kuntast ta' dawn l-iskemi għandha tissaħħaħ;

16. fil-fehma tiegħu, huwa essenzjali li jiġu ssemplifikati mhux biss il-proċeduri amministrattivi iżda l-aspetti l-oħra kollha marbuta mar-reġistrazzjoni, iż-żamma u l-ġestjoni li l-operaturi rreġistrati fl-iskemi differenti għanhom jirrispettaw;

17. jaqbel li dawn it-termini jintużaw għall-prodotti pproċessati, bil-kundizzjoni li l-oriġini tal-ingredjenti użati tista' tiġi assigurata b'mod adegwat u li l-produtturi tad-denominazzjoni kkonċernata awtorizzaw l-użu tagħha;

18. jemmnen li jista' jkun interessanti li tiġi analizzata l-possibbiltà li r-rekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni għall-prodotti friski jinkludu wkoll l-operaturi differenti fil-katina tal-provvista, bħal fil-każ tal-prodotti organiċi, bil-għan li jiġu vvalorizzati l-aspetti pożittivi eventwali ta' din is-sistema;

19. jenfasizza li bosta partijiet involuti fl-iskemi tad-DPO u l-IĠP ġibdu l-attenzjoni għall-fatt li hemm bżonn ta' strumenti li jirregolaw il-produzzjoni, u jisħaq li jekk dawn l-iskemi ma jiġux provduti b'dawn l-istrumenti jistgħu jisparixxu jew inkella jitilfu l-awtenticietà u l-kwalità intrinsika tagħhom, u b'hekk jipperikolaw in-nisġa soċjali u produttiva taż-żoni rurali f'ħafna reġjuni Ewropej;

20. iħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea tfittex l-istrumenti neċessarji għall-ġestjoni tal-produzzjoni għall-IĠP u d-DPO u tagħmillhom disponibbli għalihom. L-iżvilupp reġjonali endoġeniku huwa sikwit marbut mal-iżvilupp rurali sostenibbli, u dan ma jkunx possibbli jekk l-IĠP u d-DPO ma jkollhomx strumenti li jirregolaw il-produzzjoni potenzjali, u li bis-saħħa ta' dan jiksbu bilanċ reġjonevoli bejn il-provvista u d-domanda. Dan kollu jagħmilha possibbli li l-produzzjoni tikber b'mod proporzjonat għall-kummerċjalizzazzjoni;

21. L-IĠP u d-DPO huma drittijiet tal-proprietà intellettuali u, bħala tali, għandha tingħatalhom il-possibbiltà ta' regolazzjoni volontarja, l-istess bħalma tingħata lil kwalunkwe ditta kummerċjali, kemm mil-lat kwalitattiv kif ukoll minn dak kwantitattiv; din ir-regolazzjoni ma għandhiex titqies bħala l-għan aħħari fiha nni-fisha, iżda bħala mezz biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà;

22. jirrakkomanda li jiġu eżaminati l-aspetti marbuta mal-protezzjoni tad-DPO u l-IĠP. Skont l-operaturi u r-reġjuni għandu jkun hemm livell wieħed biss ta' protezzjoni internazzjonali, u għalhekk il-Kumitat jitolb lill-Kummissjoni Ewropea tiegħu l-passi meħtieġa bil-għan li tiġi żgurata l-aqwa protezzjoni possibbli, huma x'inhuma l-konsegwenzi inizjali li d-DPO u l-IĠP differenti jista' jkollhom barra l-fruntieri tar-reġjuni jew tal-Istati Membri;

23. jitlob lill-Kummissjoni Ewropea iżjed l-isforzi tagħha bil-għan li ssaħħaħ ir-regoli fil-kuntast tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, timxi 'l quddiem bil-ftehimiet bilaterali mal-pajjiżi strateġiċi, u tisħaq fuq il-protezzjoni tad-DPO u l-IĠP fil-kuntast tal-Ftehim Kummerċjali dwar il-Ġlieda kontra l-Falsifikazzjoni;

Dwar il-biedja organika

24. jilqa' b'sodisfazzjon il-bidliet leġiżlattivi reċenti f'dan il-qasam u d-deċiżjoni li jintuża l-logo organiku ġdid tal-UE mill-2010 'l quddiem, u jemmnen bis-sħiħ li din il-miżura, flimkien mal-isforzi kbar tal-operaturi Ewropej fil-qasam tal-biedja organika jiżguraw li din is-sistema ta' produzzjoni li tant tirrispetta l-ambjent tiġi żviluppata b'mod wiesa';

Dwar l-ispeċjalitajiet tradizzjonali

25. jaqbel mal-Kummissjoni li din l-iskema ma laħqetx il-potenzjal sħiħ tagħha, u jappoġġja l-idea li tiġi eżaminata l-possibbiltà li jiġu introdotti termini bħal "prodott tradizzjonali", bil-kundizzjoni li dawn jirrispettaw kriterji ċertifikabbli u li jkun definiti tajjeb;

26. jitlob lill-Kummissjoni teżamina u timplimenta l-iskemi speċifiċi ta' appoġġ meħtieġa kemm għall-prodotti tradizzjonali kif ukoll għal dawk tal-muntanji, f'każ li dawn iż-żewġ tipi ta' prodotti jissostitwixxu l-ispeċjalitajiet tradizzjonali garantiti (STG) attwali;

Dwar il-koerenza tal-iskemi ġodda tal-UE

27. jirrakkomanda li l-Kummissjoni tiżgura l-koerenza tal-iskemi u l-inizjattivi ta' kwalità futuri permezz ta' evalwazzjoni proattiva u pragmatika tal-valur miżjud li jġibu u ta' kemm huma fwaqthom. F'dan ir-rigward, huwa tal-fehma li huwa importanti wkoll li jiġu kkunsidrati l-ħtiġijiet tal-konsumaturi u l-benefiċċji reali għalihom meta jiġu implimentati skemi ġodda;

Dwar il-linji gwida għall-iskemi privati u nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni tal-ikel

28. jappoġġja l-Kummissjoni fl-inizjattiva tagħha li tfassal linji gwida ta' prassi tajba għas-sistemi kollha marbuta mal-kwalità tal-prodotti agrikoli u agroalimentari ta' kwalità, u jaqbel mad-deċiżjoni li ma titfassalx leġiżlazzjoni bil-għan li tirregola s-sistemi privati u nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni;

Rakkomandazzjonijiet finali

29. iħeġġeġ lill-Kummissjoni tagħmel sforz sostanzjali fil-kuntest tal-informazzjoni u l-promozzjoni tas-sistema Ewropea

ta' kwalità agroalimentari, bil-għan li ssaħħaħ is-sistema, tikkjarifika l-kunċetti differenti fi ħdanha u tippromovi l-konsum ta' dawn il-prodotti, sabiex is-soċjetà Ewropea kollha tkun tista' tagħti l-kontribut tagħha bil-għan li n-nisġa produttiva taż-żoni rurali Ewropej tinżamm;

30. jitlob lill-Kummissjoni tirrokonoxxi aktar ir-rwol strateġiku tar-regġuni Ewropej fil-produzzjoni agrikola u agroalimentari ta' kwalità, u jitlobha wkoll tagħti l-akbar attenzjoni lill-ħtiġijiet tar-regġuni f'dan il-qasam, fid-dawl tal-importanza ta' dan l-aspett għat-titjib tal-iżvilupp soċjoekonomiku reġjonali.

Brussell, 10 ta' Frar 2010.

*Il-President
tal-Kumitat tar-Regġuni
Mercedes BRESSO*